**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA'ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**<u>SENTENZA PRELIMINARI</u>**

*(RIGWARD EĊĊEZZJONI TAL-PRESKRIZZJONI)*

Mogħtija illum, il-Ħamis, erbgħa u għoxrin (24) ta' Ottubru 2024

Kawża Nru 1/2024

**Il-Pulizija**
***(Supretendent Bernard Charles Spiteri)***

vs

**Zael Vella**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża miġjuba kontra **<u>Zael Vella</u>**, bint Emanuel u Sandra-Rita nee Grech, imwielda Rabat, Għawdex nhar it-tnejn u għoxrin (22) ta' Diċembru 1994 u residenti 92, Triq il-Kbira, Sannat, Għawdex, detentriċi tal-karta tal-identita bin-numru 10395(G) talli nhar il-ħdax (11) ta' Diċembru 2013 u fix-xhur ta' qabel fil-Qorti ta' Għawdex u/jew f'dawn il-Gżejjer:

(1) tat xhieda falza fi proċeduri kriminali dwar delitt suġġett għall-piena akbar mill-piena ta' priġunerija għal żmien sentejn, sew kontra kemm favur il-persuna imputata jew akkużata.[1]

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna l-imputata hekk kif stabbilit fl-Artikolu 104(1) u Artikolu 109(1) (2) tal-Kodiċi Kriminali.

Rat illi l-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif preseduta nhar is-dsatax (19) ta' Frar 2024 tramite l-Assenjazzjoni ta' Kawżi u Doveri maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni u lid-Difiża jiddikjaraw fis-seduta tal-ewwel (1) ta' Marzu 2024 li huma kienu qegħdin jeżentaw lill-Qorti milli terġa' tisma' mill-ġdid ix-xhieda li kienu ġew prodotti sa dakinhar kif wkoll milli jiġu sottomessi mill-ġdid d-dokumenti preżentati sa dak l-istadju;

Rat li fis-seduta tal-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ġunju 2024 id-difiża eċċepiet il-preskrizzjoni għar-rigward l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-imputata u dan ai termini tal-artikolu 688(c) tal-Kodiċi Kriminali;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet rigward din l-eċċezzjoni;

[1]Artikolu 104(1) tal-Kap. 9

Rat ir-riferta preżentata mill-Uffiċjal Prosekutur;[2]

Rat in-nota ta' Zael Vella tal-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ġunju 2024;[3]

Rat in-nota tal-Uffiċjal Prosekutur tad-disgħa (9) ta' Lulju 2024;[4]

Rat in-nota responsiva ta' Zael Vella tat-tnejn (2) ta' Awissu 2024;[5]

Ikkunsidrat:

Din is-sentenza hija intiża biss biex tindirizza l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mid-difiża fis-seduta tal-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ġunju 2024. Għalhekk il-kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti sejrin jkunu strettament limitati għal dan il-punt u f'dan l-istadju l-Qorti **mhux** sejra tinoltra ruħha fuq il-mertu o meno tal-imputazzjoni li qed tiġi miġjuba fil-konfront tal-akkużata.

Jibda biex jingħad li dawn il-proċeduri bdew in vista tal-ordni mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Kevin Vella***[6] deċiża fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Lulju 2023. Għall-fini tal-eżami ta' din l-eċċezzjoni, il-Qorti temmen li għandha qabel

[2] Fol. 217 tal-proċess.
[3] Fol. 212 et seq tal-proċess.
[4] Fol. 214 et seq tal-proċess.
[5] Fol. 224 et seq tal-proċess.
[6] Kumpilazzjoni Numru 64/2013.

xejn tagħmel kronoloġija tal-fatti li ippreċedew din il-kawża u l-eċċezzjoni li ġiet sollevata:

- **<u>Sittax (16) ta' Gunju 2013</u>** – Zael Vella ġiet arrestata fis-siegħa ta' filgħodu (01.00am) flimkien mas-sieħeb tagħha Kevin Vella fuq pussess ta' sustanzi illegali. Dak il-ħin hija ma kinitx fi stat li tagħti stqarrija u għalhekk itteħditilha stqarrija aktar tard f'dik l-istess ġurnata preċiżament f'nofsinhar nieqes għaxra (11.50hrs) u stqarrija oħra fl-istess ġurnata fis-sitta u għaxra ta' filgħaxija (18.10hrs).

- **<u>Sbatax (17) ta' Ġunju 2013</u>** - iż-żewġ stqarrijiet ġew ġuramentati quddiem il-Maġistrat tal-Għassa Dr Josette Demicoli fl-erbgħa ta' wara nofsinhar (4.00pm), b'eċċezzjoni ta' partijiet minnhom li ma ġewx konfermati għaliex l-imputata qalet li kellha dubju fuqhom;

- **<u>Ħdax (11) ta' Diċembru 2013</u>** - Zael Vella inġabet bħala xhud fil-proċeduri kontra Kevin Vella u tat ix-xhieda tagħha quddiem din il-Qorti diversament preseduta;

- **<u>Sebgħa u għoxrin (27) ta' Settembru 2017</u>** – ingħatat is-sentenza kontra Kevin Vella mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Fiha kien hemm ordni mill-Qorti sabiex il-Pulizija tinvestiga dwar jekk l-imputata odjerna ikkommettietx ir-

reat ta’ sperġur meta kienet qed tixhed f’dawk il-proċeduri. Minn din is-sentenza sar appell;

- **<u>Sebgħa u għoxrin (27) ta’ Novembru 2020</u>** – ingħatat id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali li ħassret is-sentenza mogħtija fis-sebgħa u għoxrin (27) ta’ Settembru 2017 u bagħtet l-atti lura lill-Ewwel Qorti sabiex il-każ jerġa jiġi deċiż mill-ġdid;

- **<u>Wieħed u għoxrin (21) ta’ Lulju 2023</u>** – ingħatat is-sentenza kontra Kevin Vella mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali. F’din is-sentenza reġa kien hemm ordni lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex huwa jinvestiga lill-imputata biex jistabilixxi jekk f’dawk il-proċeduri l-imputata ikkommettietx ir-reat ta’ sperġur;

- **<u>21 ta’ Novembru 2023 / 28 ta’ Novembru 2023</u>** – messaġġi skambjati bejn l-Ispettur illum Supretendent Bernard Charles Spiteri u l-legali tal-imputata sabiex jiġi miftiehem appuntament biex l-Ispettur illum Supretendent ikellem lill-imputata fil-presenza tal-legali tagħha. Dan b’rabta mal-ordni mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fil-kawża ***Il-Pulizija vs Kevin Vella*** deċiża b’mod definittiv f’ Lulju 2023;

- **<u>L-Ewwel (1) ta’ Diċembru 2023</u>** – il-Prosekuzzjoni ippreżentat iċ-ċitazzjoni odjerna fir-Reġistru tal-Qorti, Għawdex;

- **<u>Tmintax (18) ta' Diċembru 2023</u>** – l-imputata ġiet notifikata biċ-ċitazzjoni preżentata fl-ewwel (1) ta' Diċembru 2023;

- **<u>Ħamsa u għoxrin (25) ta' Ġunju 2024</u>** – id-difiża eċċeppiet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.

Ikkunsidrat:

Id-difiża qiegħda teċċepixxi li l-azzjoni kriminali hija preskritta a tenur tal-artikolu 688(c) tal-Kap. 9 għar-raġuni li l-imputazzjoni li qed tiġi addebitata lill-imputata iġġorr magħha massimu ta' ħames snin priġunerija. Għalhekk id-difiża ssostni li għall-azzjoni kriminali japplika l-perijodu preskrittiv ta' għaxar (10) snin. L-imputazzjoni *de quo* tirrisali għall-ħdax (11) ta' Diċembru 2013 u allura l-imputata kellha tiġi notifikata bl-akkuża sal-ħdax (11) ta' Diċembru 2023. Hija ġiet notifikata wara li għadda dan it-terminu preskrittiv. Preċiżament hija ġiet notifikata ġimgħa u ċioe fit-tmintax (18) ta' Diċembru 2023 u allura f'ġurnata meta t-terminu preskrittiv kien ġia iddekorra.

Il-Prosekuzzjoni tirribatti għal dan billi ssostni li:

(1) kellha diffikultajiet biex tinnotifika lill-imputata għaliex ma kinitx qed tinstab u għalhekk il-preskrizzjoni kellha titqies li ġiet interrotta bil-preżentata taċ-ċitazzjoni;

(2) li l-Pulizija ma setgħetx tmexxi bil-kawża qabel Lulju 2023 meta ingħatat l-ordni biex tara jekk hemmx lok li jittieħdu proċeduri ta' sperġur fil-konfront tal-imputata.

Ikkunsidrat;

Minn eżami tal-atti proċesswali jidher li hemm is-segwenti qbil bejn il-Prosekuzzjoni u d-difiża għar-rigward dawn il-fatti:

(a) li l-allegat reat ta' sperġur seħħ fil-ħdax (11) ta' Diċmebru 2013 jew fix-xhur ta' qabel;

(b) li fir-rigward tal-imputazzjoni odjerna, it-terminu preskrittiv applikabbli huwa dak ta' għaxar (10) snin;

(c) li ċ-ċitazzjoni odjerna ġiet preżentata fl-ewwel (1) ta' Diċembru 2023;

(d) li l-imputata ġiet notifikata biċ-ċitazzjoni odjerna fit-tmintax (18) ta' Diċembru 2023.

Il-partijiet ma jaqblux biss fuq il-fatt jekk it-terminu preskrittiv kienx għadda jew le: id-difiża tgħid li iva u l-Prosekuzzjoni tiċħad din l-affermazzjoni tad-difiża.

Ikkunsidrat;

Għalkemm uffiċjalment l-imputata ġiet notifikata fit-tmintax (18) ta' Diċembru 2023, **din il-Qorti tqis li l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni saret bil-preżentata taċ-ċitazzjoni u cioe fl-ewwel (1) ta' Diċembru 2023**. Dan għaliex fiċ-ċirkostanzi tal-każ, il-Qorti tqis li japplika l-artikolu 693(2) tal-Kap. 9 li jistipula li:

> *"Iż-żmien tal-preskrizzjoni jinkiser ukoll bil-mandat ta' l-arrest jew, jekk ma jkunx hemm lok għall-arrest, biċ-ċitazzjoni, għalkemm il-mandat ta' l-arrest jew iċ-ċitazzjoni jkunu baqgħu bla effett minnħabba li l-imputat jew akkużat jinħeba jew jitlaq minn Malta."*

Mill-atti proċesswali din il-Qorti hija konvinta li l-imputata kienet qed tagħmel minn kollox biex taħrab in-notifika taċ-ċitazzjoni, possibilment anke għaliex kienet konxja li t-terminu preskrittiv kien wasal biex jagħlaq. Infatti l-imputata kienet konxja bil-possibbilita li l-Pulizija setgħu kienu qegħdin jippjanaw biex jipproċedu kontra tagħha tal-anqas f'xi żmien f'Novembru 2023. Dan għaliex mill-atti jirriżulta li f'Novembru 2023 il-Pulizija kienu għamlu kuntatt mal-imputata għaliex riedu jkellmuha in konnessjoni ma' dak ordnat minn din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza kontra Kevin Vella datata wieħed

u għoxrin (21) ta’ Lulju 2023.[7] Dan huwa konfermat mill-fatt li kien sar kuntatt mil-legali tal-imputata mal-Ispettur illum Supretendent Bernard Charles Spiteri tistaqsi fuq xiex huwa ried ikellem lill-imputata. Jidher li kien hemm anke diversi tentattivi biex l-Uffiċjal jkun jista jkellem lill-imputata fil-presenza tal-legali tagħha.[8]

**Wara** li kien ġia sar il-kuntatt mal-imputata, il-Pulizija iddeċidiet li tipproċedi biċ-ċitazzjoni odjerna u din kif ġia senjalat ġiet preżentata fl-ewwel (1) ta’ Diċembru 2023. Il-Pulizija mill-ewwel bdew it-tentattivi tagħhom biex jinnotifikaw l-istess lill-imputata. Mir-riferta esebita jirriżulta li saru numru mhux żgħir ta’ tenattivi ta’ notifika:

- erba’ tentattivi diversi fil-ġurnata tal-ewwel (1) ta’ Diċembru 2023;

- żewġ tentattivi diversi fil-ġurnata tas-sitta (6) ta’ Diċembru 2023;

- żewġ tenattivi diversi fil-ġurnata tas-sebgħa (7) ta’ Awissu 2023 (il-Qorti tqis li dan x’aktarx huwa żball u r-riferenza hawnhekk kellha tkun sebgħa (7) ta’ Diċembru 2023 peress li ċ-ċitazzjoni ġiet preżentata fl-ewwel (1) ta’ Diċembru 2023 u ma setax għalhekk sar tentattiv ta’ notifika qabel ma ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni);

---

[7] Dok MDB 2 a fol. 111 et seq tal-proċess.
[8] Ara messaġġi a fol. 219 u 220 tal-proċess.

- tlett tentattivi fil-ħdax (11) ta' Diċembru 2023 f'Mġarr ix-Xini;

- tentattiv ieħor fil-ħdax (11) ta' Diċmebru 2023 fid-dar tar-residenza tal-imputata;

- tentattiv ieħor fil-ħdax (11) ta' Diċembru 2023 fl-indirizz "Emerald", Triq Borg Għarib, Għajnsielem;

- tlett (3) tentattivi sabiex isir kuntatt bil-mobile fil-ħdax (11) ta' Diċembru 2023 liema tlett (3) tentattivi ma taw l-ebda eżitu bil-Pulizija tindika fir-riferta li l-mobile "cannot be reached".

Ma sarx għalhekk tentattiv wieħed biss ta' notifika. Saru xejn anqas minn tlettax (13) -il tentattiv differenti fi sforz sabiex tiġi notifikata l-imputata. Dan apparti t-tentattivi ta' telefonati li saru. Dan kollu huwa konfermat mir-riferta inniffisha u abbażi ta' dak sostnut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Dougall***[9] **huwa sufficjenti li tiġi preżentata r-riferta biex jkun hemm il-prova tat-tentattivi tan-notifika li saru**. Il-każ ta' Dougall kien jikkonċerna appell li sar mill-Avukat Ġenerali abbażi tal-fatt li l-Ewwel Qorti kienet iddeċidiet il-kawża u illiberat lill-akkużat għax xhud tal-Prosekuzzjoni ma kienx deher. Il-Qorti tal-Appell Kriminali hija u tiddiskuti dan il-punt kienet irrimarkat li:

[9] Deċiża fid-disgħa (9) ta' Mejju 1997.

*"Kif din il-Qorti irriteniet f'diversi sentenzi, biex l-Avukat Ġenerali (jew, skond il-każ, il-kwerelant) ikun jista' jinvoka dana l-aggravju f'każijiet fejn ix-xhud li tkun trid il-prosekuzzjoni ma jidhirx, irid jirrisulta mill-atti u bħala minimu li dak ix-xhud kien ġie debitament notifikat (ara, inter alia, P. v. Joseph Sharfid, 12/4/96; P. v. Monica Schranz, 21/2/97, it-tnejn appelli kriminali) jew li l-prosekuzzjoni għamlet dak kollu minnha mistenni biex tipprova tinnotifikah.* ***Il-prova li xhud <u>ġie notifikat jew li sar tentattiv ta' notifika għandha ssir, bhala regola, permezz tar-riferta</u>."*** *(sottolinear ta' din il-Qorti).*[10]

La darba saret il-prova permezz tar-riferta li kien hemm problemi sabiex l-imputata tiġi notifikata biċ-ċitazzjoni, allura m'hemmx dubju li jsib l-applikazzjoni l-artikolu 693(2) tal-Kap. 9 u l-preskrizzjoni ġiet interrota bil-preżentata taċ-ċitazzjoni. Din il-konklużjoni wieħed jista' jislietha wkoll abbażi ta' dak li sostniet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet ***<u>Il-Pulizija vs David Busuttil</u>*** deċiża fid-disgħa (9) ta' Frar 2001 (Appell Numru 162/2000) hija u tikkummenta fuq l-artikolu 693(2):

[10] Ara wkoll sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Gordon Debono</u>** deċiża fl-għoxrin (20) ta' Novembru 2014 (Appell numru 22/2012).

*"Mill-kliem sottolineat (b'riferenza għall-kliem jinħeba jew jitlaq minn Malta) jidher car li biex mandat ta' arrest jikser il-preskrizzjoni mid-data tal-hrug tieghu jehtieg li jigi stabbilit li l-istess mandat ma setax jigi ezegwit minhabba li l-persuna koncernata tkun inhbiet jew tkun telqet minn Malta. __**Kif appena ssir il-prova fil-qorti ta' tali impediment ghall-ezekuzzjoni tal-mandat (jew tac-citazzjoni), il-preskrizzjoni terga' tigi interrotta**__, u strettament il-qorti anqas ghandha ghalfejn tiddikjara li l-mandat ta' arrest ghadu "in vigore" – il-mandat jibqa' "in vigore" sakemm ma jigix espressament revokat mill-awtorita` li tkun hargitu – ghalkemm biex wiehed inehhi kull dubbju li jista' talvolta jinqala' huwa desiderabbli li l-qorti tesprimi ruhha kif solitament isir. Pero` ma huwiex il-fatt li l-qorti tiddikjara li l-mandat ghadu "in vigore" li jerga' jikser il-preskrizzjoni, izda hija l-prova maghmula fil-qorti li dak il-mandat ma giex ezegwit minhabba li l-imputat jew akkuzat ikun inheba jew telaq minn Malta. Fil-kaz in dizamina, ghalhekk, ma jistax jinghad li l-preskrizzjoni giet interrotta fl-14 ta' Settembru, 1999 u fis-26 ta' Ottubru, 1999. Bejn is-26 ta' Awissu, 1999 u jumejn qabel il-25 ta' Jannar,*

*2000 ghaddew aktar minn tlett 3 xhur, u ghalhekk l-azzjoni fir-rigward ta' l-imputazzjonijiet kollha giet preskritta."*

It-tentattivi mingħajr success li għamlet il-Pulizija biex tinnotifika lill-imputata huma indikattivi tal-fatt li l-imputata – ben konxja tas-sitwazzjoni tagħha – kienet qed tagħmel dak kollu li tista' biex ma tinstabx u b'hekk tevita n-notifika. Żgur li f'dan il-każ ma jistax jingħad Ii l-Pulizija were *sitting on their laurels*. Ġimgħa wara, preċiżament fit-tmintax (18) ta' Diċembru 2023, wara li suppost kien "għadda" t-terminu preskrittiv l-imputata ġiet notifikata. Huwa rilevanti wkoll li hija ġiet notifikata mhux għaliex sabuha l-Pulizija iżda għaliex hija jidher li marret direttament fl-Għassa tal-Pulizija tar-Rabat, Għawdex u ġabret ir-riferta minn hemm. Dan aktar jkompli jissuġġerixxi li effettivament kien hemm maniġġi da parti tal-imputata biex hija tara li tiġi notifikata wara li tkun għaddiet il-ġurnata tal-ħdax (11) ta' Diċembru 2023.

Apparti minn dak rilevat aktar 'l fuq f'din id-deċiżjoni, din il-Qorti temmen wkoll li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mid-difiża issib ostakolu ieħor. Il-Pulizija ġiet konxja li kien hemm lok biex l-imputata tiġi investigata fuq allegat sperġur wara li kienet ingħatat l-ewwel sentenza minn din il-Qorti diversament preseduta fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Settemrbu 2017. Dan ma jfissirx li l-preskrizzjoni rigward l-imputazzjoni odjerna bdiet tiddekorri mid-data ta' dik is-sentenza; il-

preskrizzjoni bdiet tiddekorri mid-data ta' meta r-reat ġiet ikkunsmat u cioe mal-mument li ingħaded l-allegata falsita. Sa dakinhar kienu għaddew ftit aktar minn tlett snin u disa' xhur. **<u>Madanakollu la darba sar appell minn dik is-sentenza, dik is-sentenza ma kinitx waħda finali u allura l-Prosekuzzjoni ma setgħetx tipproċedi bil-kawża odjerna. Riedet bil-fors tistenna l-eżitu ta' dawk il-proċeduri. Dan għaliex il-Prosekuzzjoni ma setax ikollha konferma dwar jekk kienx hemm lok li issir tali investigazzjoni qabel it-tmiem ta' dawk il-proċeduri.</u>** Possibilment il-Qorti tal-Appell setgħet wasslet għall-konklużjonijiet differenti u fil-fatt hekk ġara għaliex il-Qorti tal-Appell ħassret is-sentenza ta' Settembru 2017 u reġgħet bagħtet l-atti lura lill-Ewwel Qorti biex il-każ jerġa' jiġi deċiż mill-ġdid. Dawk il-proċeduri ġew imbagħad effettivament konklużi fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Lulju 2023 b'sentenza oħra ta' din il-Qorti diversament preseduta.

La darba dawn il-proċeduri kienu qegħdin jiddependu fuq id-deċiżjoni tal-Qorti tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Settembru 2017 u dik id-deċiżjoni tal-Qorti ġiet attakkata, it-terminu tal-preskrizzjoni ġie sospiż abbażi ta' dak li jistipula l-artikolu 691(2): *"Jekk l-azzjoni kriminali ma tkunx tista' tinġieb 'il quddiem jew ma tkunx tista' titkompla ħlief wara awtorizzazzjoni speċjali* ***<u>jew wara d-deċiżjoni ta' kwistjoni miġjuba f'kawża oħra għaliha</u>****, il-mixi taż-żmien tal-preskrizzjoni jieqaf, u jerġa' jibda jieħu l-kors tiegħu minn dak in-nhar li fih tingħata l-awtorizzazzjoni jew li tinqata' l-kwistjoni."*

Huwa ċar li l-Pulizija ma setgħux jipproċedu bl-istanza odjerna qabel ma jkollhom deċiżjoni finali fil-kawża ta' Kevin Vella u huwa għalhekk li bejn is-sena 2017 u 2023 il-preskrizzjoni ġiet sospiża. Il-preskrizzjoni reġgħet imbagħad bdiet tiddekorri fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Lulju 2023 wara li l-kawża ta' Kevin Vella kienet ġiet deċiża b'mod definittiv u reġgħet saret l-istess rakkomandazzjoni mill-Qorti fil-konfront tal-imputata odjerna. Bejn meta reġa' beda għaddej it-terminu preskrittiv sa meta imbagħad ittieħdu l-proċeduri odjerni u l-akkużata ġiet notifikata bl-istess ma kinux għadhom għaddew l-għaxar (10) snin: kienu għaddew ftit aktar minn erba' snin u xahrejn.

Fid-dawl ta' dan kollu għalhekk il-Qorti temmen li l-azzjoni kriminali kontra l-istess imputata ma tistax titqies li ġiet estinta minħabba li ġiet preskritta.

- **<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti **<u>qiegħda tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mid-difiża</u>** fis-seduta tal-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ġunju 2024 u qiegħda tordna l-prosegwiment tal-kawża.

(ft.) Dr. Jean Paul Grech
Maġistrat

(ft.) Joseph Grech
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur